MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 312/2004

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri li jifformaw is-syndicates bin-numri JAT1245, KLN0510, SDM0807, ATR0570 u SIM0994 u Rausi Insurance Agency Limited u George Brincat**

**vs**

**Louis Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tmintax-il lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm718.18) bhala hlas ta' danni kawzati mill-konvenut fuq il-karrozza FBD-557 propjeta` ta' l-attur George Brincat assikurat mal-atturi taht polza comprehensive, li ghalhekk huma surrogati fid-drittijiet tieghu, filwaqt li l-istess George**

**Brincat ghandu nteress li jirkupra s-somma ta' mitt lira (Lm100.00) minnu mhallsin bhala excess, minhabba li l-konvenut bi traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat gol-karozza msemmija f'Santa Venera nhar it-28 ta' Settembru, 2002, waqt li hu kien qed isuq il-karrozza NOV-015.**

**Ra r-risposta prezentata fis-17 ta' Frar, 2004, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut, izda sehh unikament tort tas-sewwieq l-iehor Ronald Brincat, minhabba mperizja, traskuragni, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u nuqqas ta' *proper lookout*, hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Salv eccezzjonjiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' PC1330 Alexander Schembri, George Brincat, Ronald Brincat, Mario Cumbo, Henry Grech, John Tabone u Louis Azzopardi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda danni rizultanti minn kollizzjoni bejn il-vettura FBD-557 misjuqa minn Ronald Brincat u l-vettura NOV-015 misjuqa mill-konvenut. L-incident sehh f'Santa Venera nhar fit-28 ta' Settembru, 2002 bil-lejl ghall-habta ta' 12.30a.m..**

**2. Brincat kien niezel fi Triq San Guzepp, Hamrun, u l-konvenut li kien quddiem. Skond Brincat, il-konvenut xeghel l-indicator biex jikser lejn il-lemin u minflok kiser lejn ix-xellug, u b'hekk qatalu t-triq u grat il-habta.**

**3. Il-konvenut jghid li ried idur ghal Triq it-Turretta, cioe` ghal fuq ix-xellug, u jghid li xeghel l-indicator f'dan is-sens qabel ma kien wasal ghaz-zebra crossing indikat fl-iskizz, naqqas fil-velocita` u hares fil-mera tan-nofs. Jghid li kif beda jilwi hass daqqa fuq wara n-naha tal-passiggier.**

**4. In vista ta' dawn iz-zewg versjonijiet it-Tribunal iqies rilevanti hafna l-iskizz esebit u d-danni subiti f'kull vettura.**

**5. Jibda biex jigi rilevat illi l-attur halla *brake marks* twal 24 metru. Dawna, flimkien mal-impatt li sehh, u tenut kont tal-hin ta' bil-lejl, u tal-lokalita` li hu fl-abitat, jindikaw bic-car li l-attur kien ghaddej imharrek, tant li meta l-konvenut ghamel il-manuvra biex jikser ghal-go Triq it-Turretta, il-konvenut ma setghax iwaqqaf fil-hin. Tant kien qawwi l-impatt li l-vettura tal-konvenut daret u habat mal-bankina, u spicca kif muri fl-iskizz.**

**6. Il-konvenut garrab danni fuq iz-zewg mudguards ta' quddiem, l-indicators, il-grill, il-bumper, in-number plate u l-headlamp tal-lemin. L-attur garrab danni fil-bumper ta' quddiem, in-number plate, il-bonnet u l-bumper ta' wara in-naha tax-xellug, l-mudguard u t-tail lamp.**

**7. L-argument tal-abbli difensur tal-attur kien li kif intlaqat il-konvenut jindika li kien qed jaghmel "a left turn", u ghalhekk ta' dan bilfors qasam quddiem l-attur. Apparti minn dan sostna wkoll li l-brake marks jindikaw li l-attur gibed mic-centru lejn ix-xellug, li jindika li karrozza ohra (dik tal-konvenut) ghalqitilha l-passagg liberu.**

**8. It-Tribunal, bhala fatti, jaqbel ma dak li qed jinghad, kif del resto jaqbel ukoll l-istess konvenut. Pero` wiehed irid jara x'kienet il-kawza prossima tal-incident, jekk kienetx il-manuvra tal-konvenut, jew kienetx l-velocita` eccessiva tal-attur.**

**9. Dwar il-manuvra tal-konvenut, it-Tribunal ma jirriskontra ebda irregolarita`. Jidher li dan naqqas fil-velocita` xeghel l-indicator u beda jdur. Meta kien gja beda jdur, l-attur kien certu distanza l-boghod mill-konvenut, u zamm brake filwaqt li gibed il-gewwa lejn ix-xellug pero` xorta sehhet il-kollizzjoni. Kif sew irrileva l-abbli difensur tal-konvenut, l-attur kien ghaddej b'tant velocita` illi dawru. Ghalhekk tenut kont ta dak li ntqal, il-konvenut ma ghandu ebda responsabilita` ghall-incident li sehh.**

**Ghaldaqstant peress illi l-incident sehh unikament tort tal-attur, u l-konvenut ma jirrizulta li kellu ebda responsabilita` ghall-imsemmi incident, it-Tribunal qed jichad it-talba tal-atturi.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterment mill- atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------